TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Novembru, 2024**

**Talba Nru: CCT117/24/DS**

**Carmel Dimech**

**Vs**

**Fairdeal Furniture (Malta) Ltd.**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-30 ta'Mejju, 2024 fejn talab illi s-soċjeta' intimata rifużjoni tad-depożitu ta' seba' mitt Ewro (€700) li ħallas għal sufan illi l-konsenja tiegħu ma saritx fiż-żmien pattwit;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fl-24 ta' Ġunju, 2024;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha minħabba illi d-dewmien kien minħabba s-sitwazzjoni fil-Baħar l-Aħmar fejn minħabba dan il-konsenja permezz tal-containers kellha tibdel il-vapur tal-merkanzija li kienet fuqu u kellu jsir waqfien mhux pjanat f'portijiet multipli, liema sitwazzjoni ma kienetx fil-kontroll tagħha.

L-attur xehed illi huwa ma jiftakarx illi r-rappreżentant tal-kumpanija kien avżah li kien hemm problema ta' *shipping* għalkemm qal ukoll li jista' jkun li ma semgħux għaliex kellu l-mobile bil-ħsara. Huwa nsista illi kien għadda wisq żmien mid-data tal-konsenja u xtaq id-depożitu lura għaliex għalkemm kien ingħata time window ta' bejn 3 u 5 xhur għall-konsenja minn Novembru, 2023 f'Mejju, 2024 kien għadu ma wasalx. It-Tribunal jinnota illi lanqas sal-ġurnata li ta x'xhieda tiegħu l-attur ma kien għadu wasal is-sufan.

It-Tribunal ikkonsidra wkoll il-fatt illi meta mistoqsi mit-Tribunal jekk is-sufan kienx lest li jiġi mibgħut fi żmien ħames xhur, is-SurArnold Vella direttur tas-socjeta' intimata qal is-segwenti:

> *"...jiena ngħid illi ma kienx hemm post max-shipment illi telaq fis-27 ta' Marzu, 2024 għaliex ma kienx hemm post fuq il-vapur. Jiena nixtieq nispjega li fejn qabel shipment kien jiswa $2,000, ilum sar jiswa $8,000 u allura l-problema saret waħda kbira. Il-kumpanija tax-shipping kienet qaltli li s-sufan seta' jiġi mibgħut fid-19 ta' April, 2024 ..."*

Illi dan ifisser illi fiż-żmien illi s-sufan suppost kellu jkun Malta, fil-massimu tat-terminu mgħoti lill-konsumatur il-konsenja kienet għadha lanqas biss telqet u għaldaqstant ir-raġunijiet mgħotija rigwardanti s-sitwazzjoni fil-Baħar l-Aħmar huma għal kollox irrelevanti u d-dewmien mhux gustifikat.

Dan it-tribunal ikkunsidra wkoll l-enunċjazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell tal-**11 ta' Gunju, 2010,** Appell Civili Numru. 1/2010 fl-ismijiet **Renato u Janice Vidal vs U.C.I.M. Co. Ltd** waqt id-deliberazzjoni tiegħu.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda u l-provi dokumentarji prodotti fl-atti u għaldaqstant hemm bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' seba' mitt Ewro (€700) lill-attur filwaqt illi jeħles lis-soċjeta' intimata mill-obbligu illi tagħmel il-konsenja tas-sufan.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**